MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1173/2009

**Henry Falzon**

**-vs-**

**Advance Shipping Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta’ Novembru, 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-esponenti permezz ta’ kuntratt datat 27 ta’ Ottubru 2006, kera lis-soċjeta` intimata, il-fond ossia ‘Yard’, ġewwa Wills Street, Paola Hill, Paola. (DOK HF 1)

2. Illi l-esponenti permezz ta’ ittra ġudizzjarja datata 11 ta’ Settembru 2009, interpella lis-soċjeta` intimata sabiex tħallas is-somma totali ta’ ħdax-il elf sitt mija sebgħa u erbgħin Euro (€11,647.00) rappreżentanti

kera bil-quddiem għal perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, dwar l-imsemmi fond.
3. Illi s-soċjeta` intimata sal-lum baqgħet inadempjenti.

4. Illi għalhekk jeżistu raġunijiet biżżejjed skond il-liġi sabiex l-esponenti jitlob il-ħall tal-kuntratt ta' kiri.

5. Illi l-esponenti jiddikjara illi s-soċjeta` intimata m'għandiex eċċezzjonijiet x'tagħti.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;-

1. Tiddikjara għar-raġunijiet suesposti ir-rexxizzjoni tal-kuntratt ta' kiri bejn il-partijiet tal-fond ossia 'Yard', ġewwa Wills Street Paola Hill, Paola, datat 27 t'Ottubru 2006 u;

2. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament tas-soċjeta` intimata, mill-fond ossia 'Yard' ġewwa Wills Street, Paola Hill, Paola, fi żmien perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti; u

3. Tiddeċiedi it-talba tal-esponenti, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza *ai termini* l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, u b'riserva għal kwalunkwe azzjoni għad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ddikjarat bħala valida n-notifika tas-soċjeta' konvenuta, u l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Billi għalhekk it-talbiet attriċi jistħoqqilhom li jiġu milqugħa;

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi;**

**Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż ikunu a kariku tas-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------